**A.L. 6 ta' l-1992**

## ATT DWAR L-AWTORITÀ TAD-DJAR (KAP. 261)

### Ordni ta' l-1992 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 ta' l-Att dwar l-Awtorità tad-Djar, il-President ta' Malta għamel l-ordni li ġej:—

Titolu.

**1.** Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1992 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà).

Proprjetà speċifikata.

**2.** Il-proprjetà deskritta fl-artiklu 4 ta' dan l-ordni hi b'dan speċifikata għall-finijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-Att dwar l-Awtorità tad-Djar.

Jum stabbilit.

**3.** Il-proprjetà speċifikata fl-artiklu 2 ta' dan l-ordni għandha tiġi trasferita lill-Awtorità tad-Djar u tiġi vestita fiha kif provdut fl-imsemmi artikolu b'seħħ mis-26 ta' Diċembru, 1991.

Deskrizzjoni ta' proprjetà speċifikata.

**4.** Il-proprjetà msemmija fl-artiklu 2 ta' dan l-ordni hi din li ġejja, jiġifieri:

(1) L-art li ġejja li tagħmel parti mill-Qasam tad-Djar tal-Gvern magħruf Qasam Barrani, fil-limiti tal-Mellieħa:—

(a) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 2,048 metru kwadru, li tmiss mill-Grigal ma' triq pubblika, mix-Xlokk ma' proprjetà ta' Anthony Vella u mill-Majjistral ma' proprjetà ta' Carmel Fenech, delineata bl-aħmar u markata "A" fuq L.D. 214/91;

(b) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 137 metru kwadru, li tmiss mil-Lbiċ ma' triq pubblika, mix-Xlokk ma' proprjetà ta' Jos. Grima u mill-Majjistral ma' proprjetà ta' Jos. Borg et, delineata bl-aħmar u markata "B" fuq L.D. 214/91;

(ċ) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 195 metru kwadru, li tmiss mill-Majjistral u Lbiċ ma' toroq pubbliċi u mill-Grigal ma' proprjetà ta' Giovanna Caruana, delineata bl-aħmar u markata "C" fuq L.D. 214/91;

(d) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 1,242 metru kwadru, li tmiss min-Nofs-in-Nhar ma' triq pubblika, mil-Lvant ma' proprjetà ta' Carmelo Cilia u mil-Lbiċ ma' proprjetà ta' Jos. Cini, delineata bl-aħmar u markata "F" fuq L.D. 214/91;

(e) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 468 metru kwadru, li tmiss mill-Majjistral ma' proprjetà ta' Joseph Tanti u mil-Lbiċ u Xlokk ma' toroq pubbliċi, delineata bl-aħmar u markata "D" fuq L.D. 214/91;

(f) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 404 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana ma' proprjetà ta' Jos. Cini, min-Nofs-in-Nhar ma' proprjetà ta' Carmelo Grima, u mil-Lvant ma' triq pubblika, delineata bl-aħmar u markata "E" fuq L.D. 214/91;

(ġ) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 857 metru kwadru, li tmiss mill-Majjistral ma' proprjetà ta' Carmelo Borg et, mil-Lbiċ u Punent ma' triq pubblika, delineata bl-aħmar u markata "G" fuq L.D. 214/91;

(ħ) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 217 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana ma' triq pubblika, mil-Lbiċ ma' proprjetà ta' Carmelo Borg u mill-Grigal ma' triq pubblika, delineata bl-aħmar u markata "H" fuq L.D. 214/91;

(i) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 137 metru kwadru, li tmiss mill-Majjistral ma' triq pubblika, mix-Xlokk ma' proprjetà ta' Phyllis Vella u mill-Grigal ma' proprjetà ta' Charles Bonanno, delineata bl-aħmar u markata "I" fuq L.D. 214/91;

(j) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 330 metru kwadru, li tmiss mill-Grigal ma' proprjetà tal-Gvern, mil-Lbiċ ma' triq pubblika u mix-Xlokk ma' proprjetà ta' Jane Vella, delineata bl-aħmar u markata "J" fuq L.D. 214/91.

(2) Flat numru 4, Blokk 8, Granaries Street, Floriana (Ex-Service Property 16332).

(3) Id-dar bin-numru 19, Triq Dun Salv Gatt, Marsaxlokk.

(4) Flat numru 1, Blokk C4, Qasam tal-Bini tal-Gvern, Ta' Xbiex.

(5) Id-dar bin-numru 76, Triq il-Kemmun Helu, Żejtun.

(6) Flat numru 2, Blokk A6, Qasam tal-Bini tal-Gvern, Attard.

(7) Id-dar bin-numru 28, Triq l-Għabex, Marsa.

(8) Id-dar bl-isem "Capharnaum", Djar tas-Sajjieda, Xatt is-Sajjieda, Marsaxlokk (Kuntratt Nru. 207/67 tat-8 ta' Lulju, 1967 fl-atti Nutar tal-Gvern A. Attard).

(9) Id-dar bin-numru 12, Fuq Tal-Blat, Qormi (Rural Tenement No. 50158).

(10) Flat numru 12, Blokk 6, Triq id-Deheb Fin, Qasam tad-Djar tal-Gvern Ta' Farżina, Qormi.

(11) Id-dar bin-numru 21, Triq Karlu Darmanin, Qrendi (Rural Tenement No. 50086).

(12) Flat numru 12, Bieb B, Blokk 17, Triq l-Ispika, San Ġwann (Rural Tenement No. 51328).

(13) Flat numru 1, Bieb A, Blokk 15, Triq l-Istefanotis, San Ġwann (Rural Tenement No. 51328A u 51328C).

(14) Flat numru 1, Bieb A, Blokk 9, Triq it-Tulipani, San Ġwann (Rural Tenement No. 51328E).

(15) Id-dar bin-numru 16, Wesgħa Ħamsa ta' Ottubru 1974, Żejtun.

(16) Flat numru 3, Blokk D, Unit 3, Triq Temi Zammit, Qasam tad-Djar tal-Gvern, Paola (Rural Tenement No. 50989 3rd Portion).

(17) Id-dar bin-numru 10, Row D, Triq iċ-Ċeżalpina, Ta' Paris, Birkirkara (Rural Tenement No. 51057).

(18) Flat numru 7, Blokk R, Bieb B, Triq iċ-Ċinerarja, Santa Luċija.

(19) Id-dar bin-numru 8, Triq Dun Pietru Pawl Xuereb, Qrendi (Rural Tenement No. 50086).

(20) Flat numru 14, Blokk C3, Qasam tad-Djar tal-Gvern Ta' Paris, Birkirkara (Rural Tenement No. 51057).

(21) Flat numru 3, Blokk C3, Qasam tad-Djar tal-Gvern, Ta' Xbiex (Kuntratt Nru. 52/78 tal-15 ta' Marzu, 1978 fl-atti Nutar Alexander Grech).

(22) Flat numru 7, Blokk F, Qasam tad-Djar tal-Gvern, Triq il-Klin, Żabbar (Rural Tenement No. 50785 Portion 15).

(23) Id-dar bin-numru 27, Triq l-Għabex, Marsa.

(24) Id-dar bin-numru 4, Triq Xemxija, Marsa (Kuntratti Nru. 119/79 u 48/80 tas-6 ta' Ġunju 1979 u tas-26 ta' Marzu 1980 fl-atti Nutar Alexander Grech).

(25) Flat numru 2, Blokk C, Qasam tad-Djar tal-Gvern, Fleur de Lys, Qormi (Kuntratt Nru. 121/80 tas-6 ta' Awissu 1980 fl-atti Nutar Alexander Grech).

(26) Flat numru 16, Council Flats, Qasam tad-Djar tal-Gvern, Triq Sannat, Rabat, Għawdex (Rural Tenement No. 50286).

(27) Flat numru 2, Bini tal-Gvern Blokk 1, Triq Merkanti, Valletta.

(28) Id-dar bin-numru 4, Bini tal-Gvern, Triq il-Mitħna, Żebbuġ (Proprjetà tal-Gvern akkwistata b'Kuntratt Nru. 75/72 tas-16 ta' Settembru, 1972 fl-atti tan-Nutar A. Grech).

(29) Flat numru 11, Blokk 16, Bieb B, Triq l-Ispika, San Ġwann (Rural Tenement No. 51328E).

(30) Flat numru 11, Blokk 3, Bieb B, Triq tal-Mitħna, Gudja (Proprjetà tal-Gvern akkwistata b'Kuntratt Nru. 243/78 tal-11 ta' Ottubru, 1978 fl-atti tan-Nutar A. Grech).